

Paġna ewlenija>Taħriġ, networks ġudizzjarji u aġenziji>Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Kriminali>**Librerija Ġudizzjarja**

### Librerija Ġudizzjarja

Il-Librerija Ġudizzjarja tan-NĠE f'materji kriminali hija mfassla biex tipprovdi lill-prattikanti legali bid-dokumenti disponibbli kollha relatati mal-istrumenti legali rilevanti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Il-librerija Ġudizzjarja fiha wkoll dokumenti rilevanti ta' istituzzjonijiet oħrajn (KtE, NU).

Il-Librerija Ġudizzjarja tinkludi wkoll **I-*status ta' Implimentazzjoni*** tad-diversi strumenti legali applikabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Din it-taqsimha tipprovdi mhux biss l-*istat* attwali għad-diversi Stati Membri iżda wkoll, fejn disponibbli, informazzjoni dwar *id-data tad-dħul fis-seħħ*, *il-leġiżlazzjoni nazzjonali*, *ħoloq għan-notifiki uffiċjali* u *informazzjoni addizzjonali*.

Il-Librerija Ġudizzjarja tinkludi:

L-Istrumenti Legali dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja adottati mill-Unjoni Ewropea

L-Istrument Legali għal Żoni Speċifiċi tal-Kriminalità adottati mill-Unjoni Ewropea

L-Istrumenti Legali Proċedurali adottati mill-Unjoni Ewropea

It-Trattati tal-UE ma' Pajjiżi Terzi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

F'dawn il-kategoriji, tinsab l-informazzjoni li ġejja:

It-testi tal-istrumenti legali

L-*status* tal-Implimentazzjoni

Formoli Word tad-diversi strumenti ta' rikonoxximent reċiproku

Formoli PDF editjabbli

Rapporti (minn sorsi differenti)

Informazzjoni Prattika

Manwali

Każistika Ewropea

Leġiżlazzjoni Nazzjonali.

Din il-paġna hija disponibbli [hawnhekk](#) (nota: inti se tħalli l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika).

L-aħħar aġġornament: 17/04/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.